31998D0570

L 277/36 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 14.10.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ottubru 1998

li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mit-Tuneżija

(notifikata bid-dokument numru C(1998) 2978)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(98/570/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' spezzjoni fit-Tuneżija sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom prodotti tas-sajd jiġu prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tat-Tuneżija dwar spezzjonijiet tas-saħħa u monitoraġġ ta' prodotti tas-sajd jistgħu jiġu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fit-Tuneżija d-"Direction générale de la santé animale (DGSA) du ministère de l'agriculture" hija kapaċi li tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi dwar il-lingwa(i) li biha għandu jkun abbozzat u l-grad tal-persuna li jkollha l-poter tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka ma' pakketti ta' prodotti tas-sajd li turi l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-kesħa jew friża jew bastiment tal-friża ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titħejja lista ta' stabbilimenti approvati/irreġistrati, bastimenti fabbrika, jew imħażen tal-kesħa; billi għandha titħejja lista ta' bastimenti tal-friża rreġistrati fit-tifsira tad-Direttiva 92/48/KEE [3]; billi dawn il-listi għandhom jiġu mħejjija skond il-bażi ta' komunikazzjoni mingħand id-DGSA lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk f'idejn id-DGSA li tiżgura l-konformità mad-disposizzjonijiet preskritti għal dak l-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi d-DGSA ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u dwar it-twettiq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk preskritti minn dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' stabbilimenti, bastimenti fabbriki, imħażen tal-kesħa jew bastimenti tal-friża ta' oriġini;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-'Direction générale de la santé animale (DGSA) du ministère de l'agriculture' għandha tkun l-awtorità kompetenti fit-Tuneżija sabiex tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

L-Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mit-Tuneżija għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata b'ċertifikat ta' saħħa oriġinali enumerat, debitament mimli, iffirmat, datat u li jkun jinkludi karta waħda skond il-mudell fl-Anness A ta' dan;

2. il-prodotti jridu jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbriki, imħażen tal-kesħa jew bastimenti rreġistrati tal-friża elenkati fl-Anness B ta' dan;

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fi kwantitajiet kbar u maħsuba għall-manifattura ta' l-ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandu jkollhom fuqhom il-kliem "TUNISIA" u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-kesħa jew bastiment tal-friża ta' oriġini f'ittri li ma jitħassrux.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

L-Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jitħejjew mill-inqas b'lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandu jkollhom fuqhom l-isem, kariga u firma tar-rappreżentant tad-DGSA u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' endorsjar ieħor.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

Għal prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura li joriġinaw mit-Tuneżija u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, eskluži molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar f'kull forma

Nru ta' Referenza: .....

Pajjiż li qed jibgħat: TUNEŻIJA

Awtorità kompetenti: Direction general de la sante animale (DGSA) du ministere de l'agriculture

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura [1]: .....

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament [2]: .....

— Numru tal-Kodiċi (meta disponibbli): .....

— Tip ta' imballaġġ: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura mehtieġa għalwaqt il-ħażna u t-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), bastiment(i) fabbrika, jew maħżen (imħażen) tal-kesha approvat/i jew bastiment(i) tal-friża rreġistrat(i) mid-DGSA għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea:

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti qed jintbagħtu

Minn: .....
(post minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezz ta' trasport li ġej: .....

Isem u indirizz ta' min qed jibgħat: .....

.....

.....

Isem tal-kunsinnatarju u indirizz fil-post tad- destinazzjoni: .....

.....

.....

[1] Ħassar fejn japplika.
[2] Ħajjin, imkessha, iffriżati, immellħa, affumikati, ippreservati, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali b'dana qed jiċċertifika illi l-prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa preskritti bid-Direttiva 92/48/KEE;

2. tniżżlu l-art, ġew immaniġġati u fejn kien xieraq ġew ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, inhallew u ġew maħżuna iġjenikament f'konformità mal-ħtiġiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

3. ghaddew minn kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5. mhumiex ġejjin minn speċji tossiċi jew speċi li fihom bijotossiċi;

6. ghaddew b'mod sodisfaċjenti mill-verifiki organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti ghal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni taghha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taht iffirmat b'dan qed jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni 98/570/KE.

Maghmul fi ....., fi .....
(post) (data)

Timbru Uffiċjali (1)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

.....
(Isem b'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(1) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

ANNESS B

I. **LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI**

Numru.	Isem	Indirizz
1	Jerba Aquaculture Tunisie (JAT)	Medenine
3	Le Dauphin	Ajim-Jerba
10	Medigel	Medenine
12	Ste' Ben Kalia et Fils	Medenine
14	Cotuprom	Medenine
17	Coprod	Medenine
101	Medi-Peche El Ghoul	Tunis
105	Mondher El Ghoul	Tunis
106	Kamexport	Tunis
107	Fishfarmer	Ariana
112	Equimar-Congelation	Tunis
116	Ste Ben Hamida Aux Poissons Mediterraneens	Tunis
118	Maristar	Tunis
120 (Awtorizzat sal-31.12.1998)	Maregel	Tunis
134	Mediterraneen Pesca	Tunis
201	Mohamed Aouadi	Bizerte
203	Jalta Export	Bizerte
204	Peche Export	Bizerte
205	Ste Trad des Produits de la Mer	Bizerte
207	Ste El Bouhaira	Bizerte
208	Horchani Madrague	Bizerte
209	Ste Mondher El Ghoul	Bizerte
210	Sitex	Bizerte
215	Sittep	Bizerte
221	STIC	Bizerte
303	La Prospere	Nabeul
310	Serimex Peche	Nabeul
420	Ste Calambo	Sfax
423	Ste Mohamed Sallem et Fils	Sfax
426	Promebar	Sfax
427	Produits congeles du Bassin mediterraneen (PCBM)	Sfax
435	La Perle des Mers	Sfax
436	La Reine des Mers	Sfax
437	Somopeche	Sfax
438	Fish Tunisie	Sfax
439	Frigomar	Sfax
441	Socepa	Sfax
442	Fruitumer	Sfax
450	Impex Tunisie	Sfax
457	Medifish	Sfax

Numru.	Isem	Indirizz
461	Medifi	Sfax
465	Ste Ali Mezghani	Sfax
501	Aquaculture Hergla	Sousse
602	Zagnani Hassen-La Bonte de la Mer	Monastir
603	Scala	Monastir
700	Bennour et Cte-Kuriat	Mahdia
751	Frimar	Mahdia
753	Congelation Ben Messaoud	Mahdia
754	Ben Hassen Abdeljelil Export	Mahdia
800	Poisson d'Or	Tabarka

II. **LISTA TA' BASTIMENTI TAL-FRIŻA**

Numru	Isem	Port:
211	La Galite I	Bizerte
212	La Galite II	Bizerte
300	El Bahri Omar	Nabeul
308	Ibn Ziad	Nabeul
801	Navire-usine Dhaker	Jendouba